# IL-GRADI TAL-AĠĠETTIVI

www.maltikurja.com



- It-triq tagħna dejqa u kwieta.
- It-triq tagħna idjaq minn tagħkom u aktar kwieta.
- It-triq tagħna l-idjaq fir-raħal kollu u l-aktar kwieta wkoll.

## X'TINNOTA F'DAWN IS-SENTENZI?



# IL-GRAD JIŻDIED

- Meta l-grad tal-aġġettiv jiżdied, il-kwalità li jġorr in-nom tkun qed titqawwa wkoll.
- Dik il-kwalità partikolari tkun iżjed intensiva.
- Pożittiv – Komparattiv – Superlattiv



www.maltikurja.com

# L-AĠĠETTIV KOMPARATTIV

- Fit-2ni eżempju nistgħu nosservaw tqabbil bil-ħsieb li joħroġ kuntrast bejn iż-żewġ toroq. Il-grad ta' djuq u kwiet huma ogħla fl-ewwel triq.
- Hawnhekk qed nitkellmu fuq żewġ oġġetti biss, li t-tnejn għandhom l-istess kwalitajiet imma fi gradi differenti.
- **It-triq tagħna dejqa u kwieta.**
- **It-triq tagħna idjaq minn tagħkom u aktar kwieta.**



# L-AĠĠETTIV KOMPARATTIV

- L-AĠĠETTIV KOMPARATTIV  fil-Malti Semitiku jinbena billi tinbidel il-forma tal-aġġettiv pożittiv u tiżdied il-vokali fuq quddiem.

| | | |
|---|---|---|
| Eż. | dejjaq | **idjaq** |
| | qawwi | **aqwa** |
| | għażiż | **egħżeż** |

- Il-forma tal-AĠĠETTIV KOMPARATTIV tinbena b'mod ieħor fi kliem ta' nisel barrani.

Eż. It-tim tal-Ġermanja huwa **dominanti** f'ħafna logħob tal-futbol.

It-tim tal-Ġermanja huwa **aktar dominanti** minn dak Franċiż fil-logħob tal-fubtol.

# L-AĠĠETTIV SUPERLATTIV



- Fit-3et eżempju nistgħu nosservaw tqabbil bil-ħsieb li joħroġ kuntrast fuq skala akbar u jenfasizza l-fatt li l-ogħla gradi ta' djuq u kwiet qegħdin fit-triq tal-kelliem.
- Hawnhekk qed inqabblu t-triq mat-toroq l-oħra kollha. It-tqabbil qed jinfirex bejn 3 oġġetti jew iżjed.

**It-triq tagħna <u>l-idjaq</u> fir-raħal kollu u <u>l-aktar kwieta</u> wkoll.**

# L-AĠĠETTIV SUPERLATTIV

- L-AĠĠETTIV SUPERLATTIV fil-Malti Semitiku jinbena billi jitpoġġa l-artiklu quddiem il-forma tal-komparattiv

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż. | dejjaq | **<u>idjaq</u>** | **<u>l-idjaq</u>** |
| | qawwi | **<u>aqwa</u>** | **<u>l-aqwa</u>** |
| | għażiż | **<u>egħżeż</u>** | **<u>l-egħżeż</u>** |

- Il-forma tal-AĠĠETTIV SUPERLATTIV tinbena b'mod ieħor fi kliem ta' nisel barrani.

Eż. It-tim tal-Ġermanja huwa **<u>dominanti</u>** f'ħafna logħob tal-futbol.

It-tim tal-Ġermanja huwa **<u>l-aktar dominanti</u>** fl-Ewropa.

- Xi drabi nsibu l-użu ta' kliem li jitqiegħed mal-aġġettiv pożittiv biex jifforma s-superlattiv.

  eż. James **prużuntuż ferm** u **ambizzjuż wisq**.

- Insibu wkoll l-użu tas-suffiss –*issimu* li ġej mit-Taljan u juri s-superlattiv ukoll.

  eż. Dan il-ktieb **importantissimu** għall-kors li qed tistudja.

  Agħmilli **grandissimu** pjaċir u ħallini kwieta.



# IS-SUPERLATTIV ASSOLUT

- Dan it-tip ta' aġġettiv huwa ffurmat minn espressjonijiet idjomatiċi u li juru l-ogħla grad li tista' tilħaq dik il-kwalità partikolari.

  Eż. **aħmar nar**

  **abjad karti**

  **għoli infern**

  **mgħawweġ ganċ**



# L-UŻU TA' AKTAR/IŻJED

- Dawn iż-żewġ kelmiet jintużaw ma' aġġettivi, kemm ta' nisel Semitiku kif ukoll Rumanz jew Ingliż biex jittella' l-grad tal-aġġettiv.

- Fi kliem Semitiku:

| | |
|---|---|
| **aktar aħmar** | **l-aktar aħmar** |
| **iżjed imfittex** | **l-iżjed imfittex** |

**Meta nużaw l-aġġettivi ta' nisel Semitiku tajjeb li nibqgħu nużaw il-forom tal-aġġettiv li huma f'kelma waħda u li jagħmlu tibdliet morfoloġiċi, bħal *ixjeħ u l-ixjeħ* u mhux *aktar xiħ* jew *l-aktar xiħ.***

- Fi kliem barrani:

| | |
|---|---|
| **aktar bravu** | **l-aktar bravu** |
| **aktar stupidu** | **l-aktar stupidu** |
| **iżjed sinjur** | **l-iżjed sinjur** |